MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2009

Numru. 1155/2008

Il-Pulizija
(Sp Yvonne Farrugia)
vs
Lawrence Montebello, iben Joseph, imwieled Vittoriosa
fis-26 ta’ Diċembru, 1954

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fil-31 ta’ Ottubru, 2008 u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gżejjer, b’diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew b’risoluzzjoni waħda –
a. iffalsifika jew biddel, mingħajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xogħol tal-moħħ, jew tal-prodott ta’ industrija, jew, xjentement, għamel użu ta’ dawn l-ismijiet, marki jew sinjali ffalsifikati

jew imbiddlin, ukoll jekk minn ħaddieħor, mingħajr il-kunsens tas-sid;
b. għamel użu xjentement, ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegħ merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblema;
c. xjentement qiegħed fiċ-ċirkolazzjoni, biegħ jew żamm għandu għall-bejgħ jew importa għal ħsieb ta' kummerċ, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbħin b'qerq;
u cioe' diversi CDs tal-muzika, DVD films u logħob tal-Playstation.

2. talli fl-istess data, lokalitajiet u ċirkostanżi għal qliegħ, jew bi skop ta' kummerċ, stampa, immanifattura, idduplika jew mod ieħor irriproduċja jew ikkopja, jew biegħ, qassam, jew mod ieħor offra għal bejgħ jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi ħaġa oħra bi ksur tal-jeddijiet li joħorġu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna oħra u protetti bil-liġi ta' Malta jew taħtha;

3. talli sar reċidiv skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali b'diversi sentenżi mogħtija minn diversi Qrati ta' Malta, liema sentenżi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni skond il-liġi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oġġetti kollha eżebiti.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri skond l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta' l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Mejju, 2009 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Rat il-kwereli eżebiti.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 18, 49, 50, 298(1)(a)(ċ)(f) u 298B tal-Kodiċi Kriminali. Ikkunsidrat dwar il-piena. Illi l-imputat ammetta fl-ewwel udjenza ta' din il-kawża. Fiċ-ċirkostanżi ta' dan il-każ mhemmx lok għal piena ta' priġunerija. Għalhekk, tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' elf u mitejn euro (€1,200). Tordna l-konfiska tal-materjal eżebita u id-distruzzjoni tiegħu.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------